# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 1 7 2

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2774/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Roderick Camilleri (ID-613181M)**

**vs**

**Polidano Group Limited (C-8885) u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2010 dan gie korret u sostitwit b' Polidano Brothers Ltd (C-8884)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 18 ta' Settembru 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Roderick Camilleri pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-13 t' April 2010 tramite l-avukat Dottor Joseph Ellis. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrent jghid li huwa kien ilu jahdem mas-socjeta` intimata ghal tmien snin u hames xhur bhala xufier tat-trakkijiet, meta fil-15 ta' Frar 2010 huwa mar ghax-xoghol u gie mkecci habta u sabta. Il-principal kien infurmah li dan sar ghaliex it-truck li kien isuq kien ikkawzalu l-hsara, u r-rikorrent spjegalu li meta hadem l-ahhar bih tlitt ijiem qabel ma kellux tali hsara, u allura l-hsara

giet kawzata minn haddiema ohra li ghamlu uzu mill-istess truck fil-frattemp. Ir-rikorrent talab li din it-tkeccija tigi dikjarata ingusta, jinghata kumpens u jerga' jigi reintegarat fl-impieg tieghu.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, l-avukat tar-rikorrent zied jghid li r-rikorrent kien gie ingaġġat mill-kumpanija intimata fit-2 ta' Settembru 2001 bhala labourer, imbaghad helper u finalment bhala xufier ta' trakk li kien ilu fit-triq mill-inqas 25 sena. Jghid li ftit li xejn kienet issir manutenzjoni ta' dan it-trakk u fl-2009 kienu marrulu l-brejkijiet, u ghall-incident li segwa wehel ir-rikorrent. Jghid li fil-jum tat-tkeccija Paul Polidano hebb ghalih, u dan ghaliex kellu r-rota ta' wara tat-trakk mahlula. Jghid li haddiem iehor tal-kumpanija intimata, Elton Bowel, cempillu biex jghidlu li jumejn qabel tkecca r-rikorrent, huwa kien saqlu t-trakk u mar ghax-xoghol bih; kien sab ir-rota ta' wara mahlula u ghalkemm rassha, wara li spicca mix-xoghol rega' sabha mahlula, u rega' ssikkaha. Jilmenta li anqas flus tan-notice ma thallas (tmin gimghat).

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni fejn tghid li r-rikorrent gie mwissi diversi drabi biex jiehu hsieb it-trakk tieghu li ghandu mieghu crane, imma r-rikorrent kemm-il darba agixxa b'mod irresponsabbli bhal meta dahal go bucket ta' gaffa ta' haddiem iehor bla ma qallu, u bhal meta r-rikorrent kien involut f' incident bit-trakk u l-kumpanija indunat li r-rikorrent kien qabad u wahhal radju u speakers qawwijin fil-kabina tat-trakk, meta dawn setghu facilment itellfulu l-koncentrazzjoni fuq ix-xoghol. F'dan l-incident ir-rikorrent kien tkecca mill-impieg, izda sussegwentement tali tkeccija giet mibdula fi twissija. Dwar il-jum tat-tkeccija definittiva, jinghad li veru t-trakk tar-rikorrent saqu impjegat iehor is-Sibt ta' qabel ma tkecca, izda qabel dan hareg ghax-xoghol it-trakk gie spezzjonat u nstab li r-rota ta' wara kellha skorfini neqsin: dan certament kien ser ikun ta' periklu kbir ghal kull min kien ser jibda l-jum tax-xoghol l-ghada s-Sibt.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fit-22 ta’ Gunju 2010, dan it-Tribunal stieden lir-Rikorrent u l-avukat ta’ l-intimat sabiex jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda f'seduta sussegwenti t-Tribunal gie infurmat li ma' kienx hemm lok ghal ftehim. Il-partijiet qablu li r-rikorrent kien impjegat ma' Polidano Brothers Ltd, u mhux mal-intimata originali Polidano Group Ltd, u ghalhekk bi qbil bejn il-partijiet il-kaz tkompla fil-konfront ta' din il-kumpanija Polidano Brothers Ltd.

IL-PROVI MIGJUBA

Il-kumpanija intimata ressqet lil Ian Napier li xhed li huwa kien ilu madwar sena u nofs human Resources Manager, u f'dak il-perjodu sehhew 3 incidenti li wasslu ghat-tkeccija tar-rikorrent. Jispjega kif fl-ewwel incident ir-rikorrent kien fl-impjant ta' Hal Farrug meta ried jiehu lift biex ma jixxarrabx b'ilmijiet li kien hemm mal-art, u qabad u dahal go bucket ta' gaffa li kienet miexja; is-sewwieq ma ndunax u meta l-gaffa tnizzlet fl-art, ir-rikorrent stess wegga' ftit siequ. It-tieni incident kien meta r-rikorrent baqa' niezel bit-trakk tieghu in-nizla ta' Wied il-Ghajn u baqa' diehel go faccata ta' blokka flats; ir-rikorrent kien allega li ghamel hekk ghax marrulu l-brakes, imma meta marru l-mecchanics tal-kumpanija biex isewwu l-brakes sabuhom tajbin. Ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li r-rikorrent jitkecca, imma imbaghad id-direttur Paul Polidano thassru ghax kellu loan ma' bank, u hassarlu t-tkeccija, izda fuq l-incident inhargitlu warning. It-tielet incident li wassal ghat-tkeccija gara fi Frar 2010 meta r-rikorrent ma dahalx ghax-xoghol, u t-trakk bil-crane fuqu inghata lil haddiem iehor; il-haddiema supppost jiccekkjaw it-trakk kuljum qabel johorgu ghax-xoghol bih, u meta dan il-haddiem ghamel hekk sab diversi skorfini tar-roti mahlulin. Meta imbaghad ir-rikorrent dahal ghax-xoghol gie

infurmat li l-impieg tieghu gie terminat minhabba traskuragni fiz-zamma tat-trakk, mentri r-rikorrent beda jichad li halla r-roti mahlulin jew neqsin.

Xhed imbaghad Paul Polidano li qal li missier ir-rikorrent kien xufier u maz-zmien ir-rikorrent dahal jghinu; meta l-missier rtira ibnu hadlu postu bhala xufier. Jghid li r-rikorrent kien irresponsabbli: jitlaq mix-xoghol fi x'hin jiftillu hu, ihalli t-trakk ipparkjatt fin-nofs, meta habat go faccata ta' blokka u qal li marru l-brejkijiet fil-fatt it-trakk wara instaq bla problemi ta' xejn (jghid li dakinhar kellhom jixtru kabina gdida ta' elfejn lira), isuq bl-addocc tant li jqaccat ir-roti u ghal dan i-rikorrent jghid li kien "ghala biebu". Jghid li dakinhar tat-tkeccija, wiehed mill-impjegati kien induna li kien hemm ir-rota tat-trakk tar-rikorrent mahlula meta r-roti suppost jigu ccekkjati kuljum ma' affarijiet ohra; jghid li cempel lil Roderick Camilleri dwar dan (folio 35), u jghid li dan irrispondih billi qallu li kien "ghal biebu", u x-xhud jghid li ghal dan il-kliem huwa qallu li allura ma kienx tajjeb biex jahdem maghhom, u qallu biex ma jibqax imur ghax-xoghol.
In kontroezami dan ix-xhud jghid li kull impjegat isuq it-trakk tieghu, u hadd ma jsuqulu jekk mhux f'kaz rari hafna minhabba xi accident; jghid li qabel il-jum tat-tkeccija impjegat iehor kien ser isuq it-trakk ta' Roderick izda ma saqux ghax bir-rota mahlula kien perikoluz; aktar tard Polidano jghid (folio 44) li lil Roderick huwa kien kellmu dwar ir-roti fuq il-post tax-xoghol, u kien hawn li r-rikorrent irrispondih li kien ghala biebu. Jghid li kieku inqalghet ir-rota, kien ikun hemm bzonn spejjez kbar biex it-trakk jissewwa. Jghid li jekk roti jithallew mahlulin, it-toqob tal-iskorfini jitwessghu u imbghad jibdew jinhallu aktar malajr. Jghid li x-xufiera suppost idahhlu t-trakkijiet taghhom ghal maintenance kull xahrejn, imma jekk tinqala' problema qabel imorru ghand il-mecchanics qabel.

Xhed il-plant manager Joseph Vella li beda x-xhieda tieghu billi qal li r-rikorrent kien jidhol u jilaq mix-xoghol skond kif jiftillu hu, u jsemmi li darba r-rikorrent kellu funeral u intalab jerga' jidhol ghax-xoghol wara l-funeral ghax kien hemm bzonnu; madankollu dan ma riedx u ghamel ta' rasu billi ma marx

ghax-xoghol. Wara mistoqsijiet tat-Tribunal ix-xhud spjega li meta haddiem jitlaq kmieni l-paga tieghu tinqataghlu skond il-hin li jitlaq. Jghid li qatt ma nhareg warning fuq din il-haga ghaliex ghall-imghallem kien biz-zejjed li titnaqqas il-paga. Dwar l-incident tat-tkeccija jghid li s-Sibt ta' qabel Roderick ma kienx xoghol, izda kienu qalulu li Elton kien ser johrog bit-trakk tieghu; minflok dan ha t-trakk ghand il-mecchanics ghax kellu xi skorfini ta' rota mqaccta, u ohrajn mahlulin; hemmhekk rah Paul Polidano u waqqfu.

Ir-rikorrent beda l-provi tieghu billi xhed hu stess u spjega li qabel beda jassisti lid-driver kien jaghmel xoghol ta' qtugh ta' hadid, imma imbaghad ma kienux baqghu jaghmlu dan ix-xoghol. Kien ilu madwar sena u nofs jahdem bhala xufier tal-high-up EAQ-073 qabel tkecca. Jghid li t-trakk ma kienx f'kundizzjoni tajba u jghid li kien: "bla dawl, bla brejkijiet, anke tal-ADT kemm-il darba waqqfuni." Jghid li hu u l-helper tieghu kienu jiccekkjaw l-ilma, z-zejt u r-roti tat-trakk, imma dwar id-dawl, il-horn, u l-brejkijiet hziena ghalxejn kien jirrapporta lil Pawlu Polidano ghax dan kien jghidlu isuqu xorta wahda. Meta tal-ADT iwahhluhom ic-citazzjonijiet dawn kienet thallashom l-intimata. Jghid li certi trakkijiet, inkluz tieghu, ma jghaddux mill-VRT test u allura jithallew bla licenzja. Jghid li meta kien jitlob lil Paul Polidano biex isiru t-tiswijiet fit-trakk dan kien jghidlu li t-trakk kien tajjeb u jordnalu jkompli jahdem. Jghid li darba tal-ADT waqqfuh u kitbulu lista ta' oggetti li t-trakk kellu bzonn jissewwewlu, u meta mar ghand Paul Polidano b'din il-karta, dan qabad u ghaffigha u qallu li t-trakk ma kellu xejn. Jghid li Polidano kien jghajjat mieghu, jghajjru bi kliem hazin u dejjem qisu ser jaqbad itih.

Dwar il-jum tat-tkeccija jghid li hu kien infurmat li l-impjegat l-iehor kien fil-fatt hareg bix-xoghol is-Sibt ta' qabel, u r-rota mahlula instabet wara li huwa dahal lura. Jghid li imbaghad it-Tnejn Paul Polidano qabad u keccih.

Dwar l-incident ta' meta dahal go faccata ta' blokka jghid li fil-ghodu kien innota li kienet hierga l-arja tal-brejkijiet u irrapporta lil Polidano biha: dan qallu ikompli bix-xoghol u meta jigu lura jirrangawha. Huwa ghamel hekk u meta kien fin-nizla ta' Wied il-Ghajn marrulu l-brejkijiet u habat. Jghid li t-

trakk instaq lura bil-mod (fuq l-ewwel gear) u l-parti l-kbira tat-triq kienet ghat-telgha, u allura ma ntuzawx il-brakes. Jghid li t-trakk iddahhal ghand il-mecchanics mentri huwa tkecca. Floku dahal il-helper li kellu mieghu, izda f'temp ta' gimgha dan qacctilhom il-crane; ghalhekk keccew lil dak u lir-rikorrent dahhluh lura; igifieri mhux veru ddahhal lura ghax thassruh.
Dwar l-incident tal-bucket jghid li huwa vera tela' go bucket ta' gaffa imma wegga' wara li nizel ghaliex il-bucket nizlet fuq il-pala ta' siequ. Dwar l-ispeaker got trakk jghid li hemm sewwieqa ohra li ghandhom ukoll radju bl-ispeakers; jghid li ghalkemm l-ispeakers fihom xi 40 jew 50 centimetru gholi, dawn mhux dejjem ikunu mixghulin. Dwar it-tluq mix-xoghol kmieni jghid li kien hemm drabi li dan ghamlu ghax ma kienx ikun hemm xoghol, kien hemm drabi ghax kien ikollu bzonn imur hdejn missieru l-isptar, kien hemm drabi li kellu bzonnijiet personali ohra, u kien hemm zmien ukoll li kien qed jaghmel part-time iehor ghaliex l-imghallem kien qalilhom li naqas ix-xoghol. Kien hemm ftehim li meta jitlaq kmieni tonqoslu l-paga. Jghid li kien hemm ftehim iehr li meta xufier ikollu incident bit-trakk ikollu jhallas l-excess tal-insurance, imbaghad thallas il-kumplament l-insurance, u hekk gara fl-incident ta' Wied il-Ghajn, u f'incident iehor fl-ajruport fejn b'aljenazzjoni qaccat il-barrier tal-parking.

Xhed Joseph Camilleri missier ir-rikorrent, li qal li huwa hadem mal-kumpanijia intimata aktar minn 8 snin. Jghid li tul dan iz-zmien l-aktar li seta' ghamel kien 5 services; kien jitlob lill-plant-manager u lid-direttur Polidano biex isiru s-services aktar spiss imma dawn kienu jghidulu biex ikompli jahdem. Dwar hinjiet jghid li meta ma jkunx hemm xoghol, id-direttur joqghod iharislek bl-ikrah biex titlaq, u malli titlaq titnaqqaslek mill-paga. Jirrakkonta kif f'okkazjoni minnhom it-trakk kien qed jintefa meta ma tinghafasx il-pedala tal-gas, u rrapporta dan lil Paul Polidano; dan mar jirresja l-gas u ordnalu johrog u ghajru li ma jridx jahdem; jghid li hu m'accettax imma sa ma hadu t-trakk hdejn il-mecchanics dan rega' intefa' wahdu! Dan ix-xhud jghid li r-roti spiss kienu jinhallu, li jfisser li kellhom xi haga hazina; huwa kien joqghod il-

hin kollu jissikkahom.  Jghid li tal-maintenance isewwu l-essenzjali biss, u l-kumplament ma jaghtux kasu.

Xhed Brian Farrugia, legal officer fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Jghid li kien sar xi rapport dwar it-trakk EAQ073, izda meta f'Gunju 2010 gie ttestjat kien ghadda mit-test.  Jghid li precedentement kien hemm talba ohra biex dan jigi ttestjat fl-2004, u wara li gie inspected ghadda mit-test.  Dan it-trakk kellu licenzja valida.  Xhed Anthony Buttigieg bhala enforcement officer ma' transport Malta li qal li kien spezzjona l-vettura EAQ073 fi Frar 2011 u sabilha problemi bid-dawl u bil-ball-joints tar-roti li riedu jinbidlu.  Jghid li kienet saret inspection fil-5 ta' Jannar 2010 fuq l-istess trakk, fejn kienu nstabulu number plates 'faded', tyre mikul, locks tal-bibien neqsin, brake-lights ma jixghelux, skorfina mill-axel nieqsa, pyerene vojt, zejt hiereg, ball-joints iridu jinbidlu, side-lamps ta' quddiem maqtughin, indicators ma kellu xejn jixghel u windscreen wash ma jahdimx. Suppost kellu jirranga kollox sa gimghatejn, imma meta rega' twaqqaf fis-26 ta' Frar 2010 (11-il jum wara t-tkeccija) it-trakk kien ghadu bl-istess problemi, anzi kienu ggravaw ghax dawl fuq wara ma kellu xejn, mit-tyre mikul beda hiereg il-fildiferru, tyre iehor kien imqatta' , kien hemm skorfina ohra nieqsa mir-roti; irrizulta li kien irranga l-wind-screen wash biss.  Tawh appuntament ghal inspection ghas-6 ta' Marzu 2010 izda hadd ma gab it-trakk ghall-inspection.  Imbaghad it-trakk ittiehed ghat-test fid-9 ta' Gunju 2010 fejn id-dwal instabu rrangati, imma hafna mill-oggetti l-ohra le. It-trakk kien gabu certu Orazio Grixti.  Imbaghad regghu haduh fil-25 ta' Gunju 2010 u din id-darba t-trakk ghadda mit-test u inghata l-licenza mill-gdid (li kienet ghalqitlu f'Mejju).

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Minn dan kollu johrog li ghalkemm il-verzjonijiet tal-partijiet ivarjaw, facli wiehed jikkonkludi li kien hemm nuqqasijiet serji miz-zewg nahat.  It-Tribunal mhux qed jaghti wisq importanza l-kwistjoni tal-hin li fih ir-rikorrent kien

jitlaq mix-xoghol, ghax dwaru qatt ma nhareg warning u allura wiehed jifhem li dan kien accettabbli ghall-kumpanija. It-Tribunal anqas mhu jaghti wisq importanza lill-incident ta' meta r-rikorrent tela' go gaffa u sussegwentement wegga': wegga' tort tieghu u jbaghtiha hu. Jibqghu biss relevanti l-incident ta' Wied il-Ghajn u l-incident li wassal ghat-tkeccija. L-incident ta' Wied il-Ghajn kien serju hafna, izda kien difficli ghat-Tribunal jistabixxi jekk dan sehhx tort tar-rikorrent skond il-verzjoni ta' Paul Polidano, jew sehhx tort tal-intimata skond il-verzjoni tar-rikorrent; li hu cert hu li l-kumpanija initmata dehrilha li ghall-incident warning kien bizzejjed, u r-rikorrent accetta l-warning u accetta li jhallas l-excess. Ghalhekk il-verzjoni ta' Paul Polidano tidher iktar verosimili.

Ghar-rigward tal-incident li wassal ghat-tkeccija it-Tribunal jinnota li jirrizulta li l-Gimgha ta' qabel it-tkeccija r-rikorrent halla t-trakk bl-iskorfini mahlula: dan jghidu hu stess meta qal li Elton cempillu u qallu li kien sab ir-roti mahlulin sew fil-ghodu kif ukoll meta rritorna. Jekk ir-rikorrent kien jaf bid-difett fir-roti tat-trakk tieghu, kienet responsabbilta' tieghu li kontinwament jissikka dawn ir-roti. Mill-banda l-ohra jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-enforcement officer ta-Transport Malta li diversi gimghat qabel dan l-incident it-trakk in kwistjoni kienu instabulu diversi nuqqasijiet, inkluzi fl-iskorfini tar-roti, u sa wara li tkecca r-rikorrent dawn in-nuqqasijiet kienu kollha ghadhom ma trangawx, anzi kienu zdiedu u ggravaw. Dan ifisser li kuntrarju ghal dak li qal is-sur Paul Polidano, it-trakk in kwistjoni ma kienx mizmum f'kundizzjoni tajba, u dan sahansitra sa' Gunju 2010, igifieri sa' 5 xhur wara li Transport Malta gibdulu l-attenzjoni. Mela f'Jannar u Frar 2010 it-trakk ma kienx f'kundizzjoni tajba, u xorta r-rikorrent intbaghat jahdem bih. Ghalhekk mhux biss il-kumpanija intimata trid terfa' r-responsabbilta' taghha, izda dan il-fatt jimmitiga n-nuqqas tar-rikorrent fl-incident tat-tkeccija. Ghalhekk dan it-Tribunal isib li ghalkemm jirrizulta li r-rikorrent kien pjuttost irresponsabbli, l-irresponsabbilta` tas-socjeta' intimata kienet akbar u t-tkeccija ma kinitx ghal kollox gustifikata.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent ma kinitx gustifikata, ghalkemm kien hemm nuqqasijiet mir-rikorrent, u f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta` intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens a saldu ta' tlitt elef Euro (€3,000) sa zmien xahar mill-lum. Ir-rikorrent talab reinstatement, izda tali haga taf ma tkunx desiderabbli in kwantu ma jidhirx li l-animu bejn il-partijiet huwa tajjeb; madankollu jekk is-socjeta' intimata tkun disposta li timpjega lir-rikorrent mill-gdid, u r-rikorrent jaccetta wkoll, allura l-impieg mill-gdid ghandu jsir fi zmien xahar mill-lum u l-kumpens pagabbli ghandu jkun ridott ghal elf Euro (€1,000). Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman